MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 1347/1994/1

**Josephine Gerada; Joseph,**
**Elizabeth u zewgha Anthony Sant Fournier,**
**David, Joanna u zewgha Alexander Zammit;**
**Noella u zewgha Joseph Scicluna u**
**Mark Anthony ahwa Anastasi; u**
**Fale Boson u Sonja Brigitte konjugi Burman**

**v.**

**Alphonse u Elizabeth konjugi Sant**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni epprezentata mill-atturi fis-17 ta' Ottubru, 1994, li taqra hekk:
"Peress illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-appartamenti internament numerati wiehed (1), tlieta (3) u erba' (4) rispettivament fil-korp ta' bini li jgib in-numru sbatax (17), Triq Karm Galea Sliema; u jgawdu wkoll id-drittijiet tal-access u tal-uzu tal-bejt komuni sovrastanti;

"U peress illi l-konvenuti min-naha taghhom huma l-proprjetarji tal-appartament internament numerat hamsa (5) fl-istess korp ta' bini;

"U peress illi recentement il-konvenuti kkostruwixxew "*penthouse*" fuq il-bejt tal-imsemmi korp ta' bini; kif ukoll ikkostruwixxew hajt divizorju u xi kostruzzjonijiet ohra fuq il-bejt il-gdid rizultanti;

"U peress illi bhala rizultat tal-kostruzzjonijiet il-konvenuti gew li cekknu b'mod konsiderevoli l-ispazju tal-bejt komuni; u li dwaru l-atturi jgawdu d-drittijiet tal-access u tal-uzu skond kif fuq premess;

"U peress illi l-konvenuti kkostruwixxew ukoll cumnija illi tisporgi 'l barra mis-saqaf tal-"*penthouse*" taghhom fl-arja ta' dik il-parti komuni il-gdid rizultanti b'tali mod illi holqu inkonvenjament u perikoli ghall-atturi fl-access taghhom ghall-bejt komuni il-gdid rizultanti;

"U peress illi l-konvenuti ukoll abbuzivament u llegalment fethu twieqi u aperturi ohra mill-"*penthouse*" minnhom ikkostruwit liema twieqi u aperturi jaghtu ghal fuq l-arja tal-bitha ta' wara tal-appartament numru wiehed (1) proprjeta` tal-attrici Josephine Gerada b'tali mod illi dawn l-istess twieqi u aperturi illi nfethu mill-konvenuti jaggravaw is-servitu` ta' twieqi ghal liema servitu` l-istess appartament numru wiehed (1) proprjeta` tal-attrici Josephine Gerada huwa soggett;

"U peress illi l-konvenuti wkoll waqt ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq premessi kkawzaw danni lil kull wiehed mill-atturi, sew fil-proprjeta` taghhom individwali kif ukoll

fil-proprjeta` taghhom komuni, ghal liema danni l-istess konvenuti huma unikament responsabbli skond il-ligi;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

“1. M’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-konvenuti illedew u ttrasgredixxew id-drittijiet tal-atturi tal-access u tal-uzu tal-bejt tal-fond 17, Triq Karm Galea, Sliema.

“2. M’ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jipprestinaw lill-atturi fl-access u uzu shih tal-istess bejt u dan okkorrendo taht is-sorveljanza ta’ periti nominandi u fiz-zmien li ghandu jigi lilhom prefiss minn din l-istess Qorti u/jew, in kwantu mhux possibbli, sabiex ihallsu lill-atturi dawk id-danni li ghandhom jigu llikwidati minn din il-Qorti okkorrendo *per opera di periti nominandi* rappresentanti t-telf tad-drittijiet tal-atturi ghall-uzu u access ta’ dik il-parti tal-bejt komuni;

“3. M’ ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex inehhu c-cumnija minnhom ikkostruwita f’dik il-parti taghha illi tisporgi ‘l barra mis-saqaf tal-“*penthouse*” tal-istess konvenuti fl-arja tal-bejt komuni, fiz-zmien li ghandu jigi lilhom prefiss minn din l-istess Qorti u okkorrendo taht is-sorveljanza ta’ periti nominandi u fin-nuqqas m’ghandhomx l-istess atturi jigu awtorizzati minn din il-Qorti sabiex jesegwixxu x-xoghlijiet necessarji huma stess a spejjes tal-konvenuti;

“4. M’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi x-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni effetwati mill-konvenuti konsistenti fl-estensjoni tal-tarag interni u komuni illi jaghti ghall-bejt tal-korp ta’ bini f’numru 17, Triq Karm Galea, Sliema, jikkostitwixxu deprivazzjoni mill-kumditajiet illi ghalihom huma ntitolati l-atturi fl-access taghhom ghall-istess bejt u ma jikkonformawx ruhhom mat-tarag ezistenti f’ dak li huwa wisa’ u sura;

“5. M’ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jesegwixxu dawk ix-xoghlijiet kollha

necessarji sabiex l-estensjoni tat-tarag intern u komuni tikkonforma ruhha f'kull rispett mat-tarag ezistenti u dan okkorrendo taht is-sorveljanza ta' periti nominandi u fiz-zmien illi ghandu jigi prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti;

"6. M'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jaghlqu dawk it-twieqi u l-aperturi l-ohra kollha illi nfethu minnhom abbuzivament u llegalment mill-'*penthouse*' minnhom ikkostruwit liema twieqi u aperturi jaghtu ghal fuq l-arja tal-bitha ta' wara tal-appartament numru wiehed (1) proprjeta` tal-attrici Josephine Gerada, prevja dikjarazzjoni illi dawn l-istess twieqi u aperturi illi nfethu mill-konvenuti jaggravaw is-servitu` ta' twieqi ghal liema servitu` l-istess appartament numru wiehed (1) proprjeta` tal-attrici Josephine Gerada huwa soggett;

"7. M'ghandhomx il-konvenuti jigu ddikjarati minn din il-Qorti unikament responsabbli lejn kull wiehed mill-atturi ghad-danni kollha illi huma sofrew fl-appartamenti rispettivi proprjeta` taghhom, kif ukoll fil-proprjeta` taghhom komuni.

"8. M'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex ihallsu lil kull wiehed mill-attur dawk id-danni hekk likwidati *ai termini* tad-domanda precedenti.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni hija nulla billi bhala citazzjoni kollettiva kien hemm il-htiega li l-atturi jispjegaw sewwa d-diversi drittijiet taghhom;

"*Inoltre* l-konvenuti ghandhom eccezzjonijiet differenti fir-rigward tad-diversi atturi billi kwalsiasi dritt spettanti lill-istess atturi jirrizulta mill-kuntratti ta' vendita differenti u distinta;

"Illi fil-mertu illi l-atturi ma ghandhomx id-dritt li jippretendu u l-konvenut ma ghamel xejn li b'xi mod ittrasgredixxa d-drittijiet tal-istess atturi kif deskritti u specifikati fil-kuntratti tal-akkwisti taghhom."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2008, li in forza taghha qatghet il-kawza fis-sens li gej:

"... ... ... billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kompatabbli ma' dak hawn deciz, **tichad t-tielet, r-raba' u l-hames u s-sitt talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt **u hlief ghal kif hawn provdut tichad l-ewwel u t-tieni talba attrici, u tilqa biss is-seba', tmien, u disa' talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

"1. Tichad l-ewwel talba attrici hlief li jigi ddikjarat li l-attrici Gerada ghandha dritt li jkollha c-cwievet tal-*gates* li hemm fit-tarag.

"2. Tichad it-tieni talba salv li l-konvenut ghandu jaghti lilll-attrici Gerada kopja tac-cwievet tal-*gates* li hemm fit-tarag.

"7. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli lejn kull wiehed mill-atturi ghad-danni kollha illi huma sofrew fl-appartamenti rispettivi proprjeta` taghhom, kif ukoll fil-proprjeta` taghhom komuni kif hawn deciz.

"8. Tillikwida d-danni li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici Josephine Gerada fl-ammont ta' elf, tliet mija u disgha u tletin Ewro (€1,339) ekwivalenti ghall-hames mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm575); lill-atturi ahwa Anastasi l-ammont ta' elf, erba' mija u sitta u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,456.25) ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm625) u lill-atturi Burmen fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2,695.81) ekwivalenti ghal elf, mija u sebgha u hamsin Lira Maltija (Lm1,157) u dan *ai termini* tad-domanda precedenti.

“9. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu bhala danni lill-attrici Josephine Gerada l-ammont ta’ elf, tliet mija u disgha u tletin Ewro (€1,339) ekwivalenti ghall-hames mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm575); lill-atturi ahwa Anastasi l-ammont ta’ elf, erba’ mija u sitta u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,456.25) ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm625) u lill-atturi Burmen fl-ammont ta’ elfejn, sitt mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2,695.81) ekwivalenti ghal elf, mija u sebgha u hamsin Lira Maltija (Lm1,157).

“Bl-ispejjez kwantu ghal tlieta minn hamsa (3/5) ghall-atturi u ghal tnejn minn hamsa ghall-konvenuti (2/5).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici Josephine Gerada (l-atturi l-ohra ma appellawx mis-sentenza) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi
“(i) filwaqt li tigi kkonfermata in kwantu cahdet it-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet attrici, u tikkonfermaha in kwantu illikwidat id-danni pagabbli lill-appellanti mill-konvenuti u dan fir-rigward tas-seba’ u tmien talbiet attrici,

“(ii) tirrevoka u thassar l-istess sentenza appellata in kwantu cahdet l-ewwel, it-tieni u s-sitt talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati gia` konvenuti fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u s-sitt talbiet attrici u tilqa’ l-ewwel, it-tieni u s-sitt talbiet attrici, u tirrevoka; u

“(iii) thassar il-kap tal-ispejjez kontenut fis-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell ta’ Josephine Gerada ghandu jigi michud minn din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-atturi l-ohra appellati li in forza taghha irrimettew ruhhom ghal gudizzju finali ta’ din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza infethet minn diversi sidien ta' appartamenti fi blokk numru 17, Triq Karm Galea, Sliema, kontra l-konvenuti proprjetarji tal-appartament numru 5, dak ta' fuq nett, peress li skont l-atturi, il-konvenuti, waqt l-izvilupp tal-arja tal-blokk f'penthouse, illedew id-drittijiet taghhom. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti, li laqghet biss in parti t-talbiet tal-atturi, appellat biss l-attrici Josephine Gerada, proprjetorja tal-appartament t'isfel, dak bin-numru 1. Din l-attrici qed titlob ir-riforma tas-sentenza u qed titlob biss li jigu milqugha, l-ewwel, it-tieni u s-sitt talbiet taghha, talbiet li kienu gew michuda mill-ewwel Qorti, u, ghalhekk, hu l-mertu ta' dawn it-talbiet li jinteressa lil din il-Qorti.

Dawn it-talbiet, fil-qosor, jikkoncernaw l-uzu tal-bejt mill-istess attrici, li allegatament gie ristrett bil-bini tal-*penthouse*, u biex jinghalqu t-twieqi li mill-izvilupp il-gdid infethu ghal gol-bitha taghha. L-ewwel Qorti cahdet dawn it-talbiet ta' din l-attrici peress li osservat li bil-bini tal-*penthouse*, id-dritt ta' uzu tal-bejt ghal manutenzjoni tal-*aerial* u tank tal-ilma baqa' mhux mittiefes, u dwar it-twieqi, peress li l-fond akkwistatu bis-servitu` ta' twieqi li jinkludi t-twieqi li eventwalment jinfethu bl-izvilupp tal-arja.

L-attrici, Josephine Gerada, kif inghad, appellat kontra dawn id-decizjonijiet tal-ewwel Qorti.

Trattat l-ewwel aggravju, dwar l-uzu tal-bejt, jidher li l-ewwel Qorti, aktarx bi zvista, interpretat id-drittijiet li ghandha l-appellanti a bazi tal-kuntratti tal-proprjetarji l-ohra tal-appartamenti fil-blokk.

Dan qed jinghad peress illi, fil-waqt fil-kuntratti tal-atturi l-ohra, id-dritt ta' uzu tal-bejt huwa limitat "to the hanging and drying of clothes" u ghall-manutenzjoni tal-*aerial* u t-tank tal-ilma, din l-istess restrizzjoni ma tinsabx fil-kuntratt tal-appellanti. Jghid x'jghid il-perit Camilleri dwar x'kien il-

hsieb tal-vendituri, il-kuntratt innifsu hu car u jaghti lill-appellanti d-dritt ta’ servitu` ta’ access ghall-bejt komuni jew eventwali bjut tal-blokk u d-dritt ta’ stallar ta’ *aerial* tat-*television* u tank tal-ilma. Id-dritt ta’ access ghall-bejt hu illimitat u dan is-servitu` ma jistax jitnaqqas mis-sid tal-fond servjenti a skapitu tal-interessi tas-sid tal-fond dominanti, l-appellanti. Id-dritt illi l-appellanti jkollha access ghall-bejt u d-dritt ta’ stallar huma indipendenti minn xulxin, b’mod li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, l-appellanti kellha tnehhi l-*aerial* u t-tank tal-ilma minn fuq il-bejt, xorta wahda dan ma jxejjinx id-dritt taghha tal-access. Kieku ma kienx hekk, il-kliem tal-kuntratt kien ikun indubbjament differenti. L-access li nghata lill-appellanti kien ghall-bejt kollu u minghajr limitazzjonijiet, u ghalkemm id-dritt inghata ghall-bejt ezistenti jew eventwali bjut tal-blokk (jigifieri l-bejt wara l-izvilupp ma kellux necessarjament jibqa’ tal-istess daqs u kobor), il-konvenuti ma jistghux jissegregaw parti mill-bejt b’hajt, b’mod li ghall-parti mill-istess bejt ikollhom uzu esklussiv. Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti bnew il-hajt li issa qed jaqsam il-bejt il-gdid u li naqqas l-*area* tal-bejt precedenti.

Hawnhekk, din il-Qorti taqbel mar-rapport tal-ewwel perit legali mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fl-indagini taghha, fis-sens li b’dan il-hajt, l-appellanti giet mcahhda milli jkollha access ghall-bejt kollu kif hu d-dritt taghha. Il-periti perizuri, li maghhom qablet l-ewwel Qorti, ma qablux, ghax osservaw li l-appellanti ghandha biss dritt ta’ access ghall-bejt u mhux dritt ta’ uzu. L-access, pero`, hu ghall-bejt kollu u mhux ghall-parti biss minnu. Il-konvenuti ma jistghux ihalluha “access” ghall-bejt, izda imbaghad jaghmlu partijiet mill-istess bejt “out of bounds” ghall-appellanti. Servitu` ta’ access wahdu ma jaghmilx sens jekk ma jitqiesx bhala accessorju l-jedd ta’ dgawdija tal-istess bejt. L-uzu tal-bejt ghandu jitqies “mehtieg ghat-tgawdija” tas-servitu` koncess lill-appellanti (ara Artikolu 470 tal-Kodici Civili), ghax altrimenti nigu ghall-assurd li l-appellanti jkollha tinzel minn fuq il-bejt hekk kif tirfes l-istess – ghax ma jkollhiex dritt li tinqeda mill-istess bejt ghal skopijiet normali marbuta ma’ bejt!

L-allegazzjoni li l-appellanti ma tantx taghmel uzu mill-bejt, peress li tonxor fil-bitha hija irrelevanti u ma gietx ippruvata sa dak il-grad rikjest, u, fuq kollox, ma giex eccepit li l-attrici tilfet dan is-servitu` bin-non uzu ghaz-zmien li trid il-ligi (tletin sena). Peress li hi hadet il-fond bil-jedd ta’ servitu` fl-1991, taht ebda cirkostanzi ma jista’ jinghad li s-servitu` “spicca” fit-terminu tal-Artikolu 481(1) tal-Kodici Civili. Kwindi, la darba l-appellanti ghad ghandha dan is-servitu`, ghandha dritt tgawdi l-istess minghajr restrizzjonijiet imposti unilateralment mis-sid tal-fond servjenti.

L-aggravju relattiv tal-appellanti ghandu, ghalhekk, jigi milqugh, u din il-Qorti sejra tadotta r-rakkomandazzjoni tal-ewwel perit gudizzjarju (anke ghaliex fl-udjenza tat-8 ta’ Frar, 2011, quddiem din il-Qorti l-appellanti dehret disposta li taccettaha) u sejra tordna lill-konvenuti biex jew ihottu l-hajt, jew jhallsu kumpens ta’ €2330 lill-appellanti.

Dwar il-ftuh ta’ twieqi, kemm l-ewwel perit kif ukoll dawk addizzjonali qablu li t-twieqi u l-galleriji ghandhom jinghalqu. L-ewwel Qorti ma qablitx maghhom ghax qalet li l-fatt li l-appellanti akkwistat il-fond taghha soggetta ghal servitu` ta’ twieqi, u l-venditur irriserva li jizviluppa l-bejt, ifisser li hi jkollha taccetta l-ftuh eventwali ta’ kull tieqa.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti. Kif kienet osservat din il-Qorti fil-kawza **Gauci v. Saliba**, deciza fl-1 ta’ Awwissu, 1966, il-fatt li s-sid ta’ fond mal-bejt ghandu d-dritt jizviluppa l-arja tal-bejt, ma jfissirx li ghandu d-dritt ukoll jiftah twieqi ghal gol-bitha tal-fond sottostanti. L-izvilupp xorta jista’ jsir, b’dan li l-izviluppatur, jekk irid jiftah twieqi, irid jigbed il-bini tieghu lura biex izomm id-distanza li trid il-ligi bejn it-twieqi u l-linja divizorja. Ic-cirkostanza ta’ fatt f’din il-kawza jixbhu dawk ta’ din il-kawza, u t-talba attrici biex il-konvenut jaghlaq it-twieqi li huwa kien fetah ghal fuq il-btiehi tal-attur kienet giet akkolta. Dan il-principju gie abbraccjat ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Zammit Lupi v. Ripard**, deciza fit-3 ta’ Dicembru, 2006, u **Zerafa Gregory v. Cutajar**, deciza fit-3 ta’ Mejju, 2010, fejn gie affermat li l-arja tal-bitha <u>tibqa’ proprjeta` ta’</u>

<u>sid il-bitha</u> u ma ssirx proprjeta`, f'saffef orizzontali, ta' sid il-proprjeta` jew proprjetajiet sovrastanti.

Fil-kuntratti tal-akkwist ta' whud mill-proprjetarji tal-appartamenti l-ohra, saret rizerva espressa ghall-ftuh ta' twieqi u galleriji ulterjuri, pero`, fil-kaz tal-appellanti, din ir-rezerva ma saretx. Hekk kienet is-sitwazzjoni wkoll fil-kaz **Magro v. Borg**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 2004, u dik il-Qorti ma kellha ebda ezitazzjoni tordna l-gheluq tat-twieqi l-godda li nfethu ghall-bitha tal-atturi.

Il-fatt li t-twieqi l-godda ma joholqu ebda skomodu lill-appellanti huwa irrelevanti, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Mizzi v. Corso**, deciza fit-8 ta' Mejju, 2003, ir-regoli tal-ligi li jinsabu fit-titolu ta' servitu`, jridu dejjem u f'kull kaz jigu osservati b'mod oggettiv, indipendentement mill-iskomodu o meno soggettiv tal-partijiet involuti. It-twieqi u galleriji li jaghtu mill-*penthouse* ghal fuq il-bitha ossija gnien tal-appellanti saru, allura, illegalment u jridu jinghalqu jew jigu rtirati lura b'ghaxar piedi mix-xifer ta' wara tal-blokk ta' appartamenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici Josephine Gerada billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, u tikkonfermaha in kwantu llikwidat id-danni pagabbli lill-appellanti mill-konvenuti u dan fir-rigward tas-seba' u t-tmien talbiet attrici, tirrevoka u thassar l-istess sentenza in kwantu cahdet l-ewwel, it-tieni u s-sitt talbiet attrici u tghaddi biex tilqa' l-istess fis-sens li gej: (i) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; (ii) fir-rigward tat-tieni talba, timponi fuq il-konvenuti terminu ta' xahar mil-lum biex ihott il-hajt li jaqsam il-bejt il-gdid jew ihallas kumpens ta' €2330 lill-attrici Josephine Gerada; f'kaz li, gheluq ix-xahar, il-konvenuti ma jkunux la hattew il-hajt u lanqas hallsu l-kumpens, l-imsemmija attrici hija minn issa awtorizzata tiehu l-passi mehtiega biex thott il-hajt hi, a spejjez tal-konvenuti, taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, li qed jinhatar biex jissorvelja x-xoghol relattiv; (iii) fir-rigward tas-sitt talba, tilqa' l-istess kif

dedotta, u tipprefiggi fuq il-konvenuti terminu ta’ xahar mil-lum biex inehhu l-indikati twieqi u gallerija, u f’kaz li dan it-terminu jghaddi inutilment, l-appellanti hi l-istess awtorizzata taghmel ix-xoghol relattiv hi, a spejjez tal-konvenuti, taht id-direzzjoni tal-istess perit nominat.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma’ dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------